

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

# C 72



Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

8 ta' Marzu 2017

Werrej

### IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 72/01	Rata tal-kambju tal-euro .....	1
2017/C 72/02	Sommarju ta' Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu ta' sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) (ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006) <sup>(1)</sup>	2

### V Avviżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

#### Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 72/03	Avviż tal-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri antidumping .....	3
--------------	--	---

MT

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2017/C 72/04

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8342 — Mitsubishi Chemical Group/PTT Public Company Group/JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> ..... 4

---

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>

Is-7 ta' Marzu 2017

(2017/C 72/01)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,0576	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4191
JPY	Yen Ġappuniż	120,61	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,2120
DKK	Krona Daniża	7,4340	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5153
GBP	Lira Sterlina	0,86710	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,4920
SEK	Krona Żvediża	9,5218	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 215,71
CHF	Frank Żvizzeru	1,0730	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	13,7038
ISK	Krona İzlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,2976
NOK	Krona Norveġiża	8,9443	HRK	Kuna Kroata	7,4090
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 115,79
CZK	Krona Ċeka	27,021	MYR	Ringgit Malażjan	4,7038
HUF	Forint Ungeriż	309,52	PHP	Peso Filippin	53,237
PLN	Zloty Pollakk	4,3075	RUB	Rouble Russu	61,3560
RON	Leu Rumun	4,5384	THB	Baht Tajlandiż	37,111
TRY	Lira Turka	3,8894	BRL	Real Brażiljan	3,2974
AUD	Dollaru Awstraljan	1,3920	MXN	Peso Messikan	20,6124
			INR	Rupi Indjan	70,4700

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Sommarju ta' Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu ta' sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)**

(ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 <sup>(1)</sup>)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 72/02)

**Deċiżjonijiet tal-għoti ta' awtorizzazzjoni**

Referenza tad-Deċiżjoni <sup>(1)</sup>	Data tad-Deċiżjoni	Isem is-sustanza	Detentur tal-awtorizzazzjoni	Numru tal-awtorizzazzjoni	Użu awtorizzat	Data tal-iskadenza tal-perjodu ta' rieżami	Raġunijiet għad-Deċiżjoni
C(2017) 1332	L-1 ta' Marzu 2017	1,2-dikloroetan Numru tal-KE 203-458-1 Numru tas-CAS 107-06-2	Laboratoires Expanscience, 10 Avenue de l'Arche, Regulatory affairs, 92419 Courbevoie, Franza	REACH/17/6/0	L-użu ta' 1,2-dikloroetan bħala solvent tal-ipproċessar u tal-estrazzjoni fil-manifattura ta' ingredjenti farmaceutiċi bjoattivi dderivati mill-pjanti	It-22 ta' Novembru 2029	Skont l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-benefiċċji soċjoekonomiċi huma ferm iktar mir-riskju għas-saħħa tal-bniedem mill-użu tas-sustanza u ma hemm l-ebda sustanza jew teknoloġija alternattiva adattata f'termini tal-fattibbiltà teknika u ekonomika tagħha.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni hija disponibbli f'dan is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: [http://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/reach/about\\_mt](http://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/reach/about_mt)

<sup>(1)</sup> ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

## V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI  
KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Avviż tal-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri antidumping**

(2017/C 72/03)

1. Kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>, il-Kummissjoni tinnofika li, sakemm ma jitnediex rieżami skont il-proċedura li ġejja, il-miżuri antidumping imsemmija hawn taħt jiskadu fid-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

**2. Proċedura**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal rieżami. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri aktarx li twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ħsara. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħmel rieżami tal-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-produtturi tal-Unjoni jingħataw l-oportunità li jellaboraw, jirrifjutaw jew jikkumentaw dwar il-kwistjonijiet imsemmija fit-talba għal rieżami.

**3. Limitu ta' żmien**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal rieżami abbażi ta' dak li ssemma hawn fuq, li għandha tasal għand: European Commission, Directorate-General for Trade (Unit H-1), CHAR 4/39, 1049 Bruxelles/Brussel, Belgique/België <sup>(2)</sup> fi kwalunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa ppubblikat f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

Prodott	Pajjiż(i) tal-orijini jew tal-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data ta' skadenza <sup>(1)</sup>
Ġilda tal-kamoxxa	Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Dazju antidumping	Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1153/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ġilda tal-kamoxxa li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 334, 6.12.2012, p. 31)	7.12.2017

<sup>(1)</sup> Il-miżura tiskadi f'nofsillejl tal-jum imsemmi f'din il-kolonna.

<sup>(1)</sup> ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

<sup>(2)</sup> TRADE-Defence-Complaints@ec.europa.eu

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8342 — Mitsubishi Chemical Group/PTT Public Company Group/JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 72/04)

1. Fit-28 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha Mitsubishi Chemical Group ("MCC", il-Ġappun) u PTT Public Company Group ("PTT", it-Tajlandja) jakkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' PTTMCC Biochem Company Limited (il-joint venture, "JV", it-Tajlandja) permezz ta' kuntratt ta' ġestjoni jew kull mezz ieħor.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

— MCC: kumpanija tal-kimiki dinjija.

— PTT: kumpanija taż-żejt u tal-gass, proprjetà tal-Istat;

— il-JV: il-manifattura u l-bejgħ ta' plastiks speċjalizzati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup>, ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.8342 — Mitsubishi Chemical Group/PTT Public Company Group/JV, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.



ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT